MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 140/2003

**Western Company Limited**
**Vs**
**Carmel Micallef**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm539.37 (hames mija u disa' u tletin lira Maltin u seba' u tletin centezmu) rapprezentanti diversi kambjali li nhargu fil-15 ta' Jannar 2001 minn Carmel Micallef favur Western Company Limited ghall-ammont ta' Lm59.93 (disa' u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) kull wahda pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas disa' (9) kambjali ta' Lm59.93 (disa' u hamsin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Jannar 2001 u Dicembru 2002.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' Lm539.37 (hames mija u disa u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-

maturita' tal-kambali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci.

Sema' lil John Sultana bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanti, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm539.37 (hames mija u disa u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) rapprezentanti diversi kambjali.

Bl-ispejjes u l-interessi skond l-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------